**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 3 ta' Diċembru 2020

Rikors Numru: 168/19 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

1. *Il-patijiet izzewġu bir-rit Ċivili, fl-ewwel ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (1/9/2015), ċertifikat taz-Zwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A.*

2. *Illi minn dan iz-zwieġ, il-partijiet ma kellhomx tfal.*

3. *Il-partijiet isseparaw de facto iktar minn erba' snin ilu u qed jisseparaw legalment.*

[1] Fol. 1.

4. *Illi z-zwieġ hu null stante li l-mara hi infertili, (impotentia generandi) liema kundizzjoni kienet tezisti minn qabel iz-zwieġ, liema fatt ġie moħbi mir-raġel.*

5. *Illi z-zwieġ hu null stante li l-kunsens tal-mara inkiseb bi vjolenza morali u biza.*

6. *Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar il-kwalitajiet tal-aprtijiet li fixklu serjament il-ħajja mizzewġa.*

7. *Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieġ innifsu u ta' elementi essenzjali tal-ħajja mizzewġa.*

8. *Illi l-kunsen tal-partijiet għaz-zwieġ imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja izzewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tiegħu li, kif ser jiġi ppruvat waqt il-kawza, għamilha impossibli għall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieġ.*

9. *Illi għalhekk iz-zwieġ tal-partijiet hu null u invalidu għal-liġi ai terminital-artikolu 19 (1) (a) (c) (d) (e) u (f) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta.*

10. *Illi r-rikorrenti taf personament bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent titlob għar-raġunijiet hawn premessi sabiex Jgħid il-konvenut għaliex l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddeċiedi u tiddikjara li z-zwieġ bejn il-kontendenti iċċelebrat 1 ta' Settebru 2015, hu null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta għalhekk tordna li ssir l-annotazzjni opportuna fl-Att taz-Zwieġ relattiv.*

*Bl-ispejjez.*

*Il-konvenut hu inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi l-intimat C D ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat tal-attriċi u l-avviz tas-smigħ nhar il-24 ta' Settembru 2019.[2] Madanakollu, huwa naqas milli jwieġeb għall-imsemmi rikors permezz ta' risposta ġuramentata, u b'hekk fl-udjenza ta' nhar il-21 ta' Novembru 2019 huwa ġie ddikjarat li jinsab fi stat kontumaċi.[3]

Rat id-dokumenti, l-affidavits, u l-*pendrive* pprezentati, u kif ukoll kull att ġudizzjarju ta' dan il-proċediment.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attriċi u l-konvenut li ġie ċċelebrat bir-rit ċivili nhar l-1 ta' Settembru 2015 ġewwa d-Dolmen Resort, il-Qawra, jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(a), (c), (d), (e) u (f) tal-Att dwar iż-Żwieġ tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-AZZJONI ODJERNA:**

*Il-Verzjoni tal-Attriċi:*

L-attriċi tispjega illi ltaqgħat mal-konvenut għal ħabta ta' Awwissu 2014 tramite ħabiba in komuni, fejn skambjaw in-numru taċ-ċellulari tagħhom, bdew jitkellmu u jiltaqgħu, u sussegwentament qablu illi r-relazzjoni ta' bejniethom hija waħda serja. Ftit tax-xhur wara u ċjoe' għal Frar 2015, il-partijiet iddeċidew li jitgħarsu bil-konsegwenza li zzewġu bir-rit ċivili nhar l-1 ta' Settembru 2015, minn liema zwieġ qatt ma twieldu tfal.

Għalkemm l-attriċi twieldet ġewwa t-Tunizija, hija ċittadina Maltija u qabel ma' ltaqgħat, tgħarrset u zzewġet lil konvenut, hija kienet tgħix fid-dar tal-ġenituri tagħha ġewwa Malta. L-attriċi tirrileva li l-familja tagħha hija Musulmana u

[2] Fol. 8a.
[3] Fol. 10.

stretti ferm, għalhekk kienet imdejqa ħafna f'tali ambjent u kellha x-xewqa li titlaq mid-dar anke jekk kellha tasal fl-estramita' li titlaq mal-ewwel raġel li ssib. Skont l-attriċi, il-konvenut kien jaf kemm kienet imdejqa l-attriċi taħt is-saqaf tal-ġenituri tagħha u fil-fatt kien hu stess li ħareġ bil-proposta li jizzewġu, tenut kont tal-fatt li l-konvenut kellu ukoll dar tiegħu. Jidher li l-attriċi aċċettat din il-proposta u zzewġet lil konvenut. Madanakollu, l-attriċi tammetti li l-għada taz-zwieġ indunat li zbaljat li zzewġet lil konvenut u dan stante s-segwenti.

Ġie allegat mill-attriċi li l-konvenut ried jizzewweġ bl-intiza li jkollu t-tfal, fejn kien diġa' pproġetta li jkollu zewġt itfal filwaqt li ħaseb ukoll għall-ismijiet tagħhom. Magħdud ma' dan, l-attriċi tallega ukoll li tant kemm il-konvenut kellu x-xewqa li jsir missier, li kien diġa' xtara l-kamra tas-sodda tat-tfal sabiex tkun lesta. Minkejja li l-attriċi kienet konsapevoli tax-xewqa tal-konvenut, min-naħa l-oħra u qabel iz-zwieġ hi kienet konoxxenti tal-fatt li ma setgħax ikollha tfal. Madanakollu, l-attriċi stess tammetti u tikkonferma illi kienet ħbiet dan l-istat ta' fatt ta' infertilita' da parti tagħha mill-konvenut għaliex kienet ċerta illi kieku l-konvenut kien jaf il-verita' dwarha ma kienx jizzewwiġha. Jidher illi matul is-sena 2008, l-attriċi kienet f'relazzjoni ma' raġel ieħor, li fimkien miegħu kienet qiegħda tipprova jkollha t-tfal izda minn dan ma sfrutta xejn. F'dan il-kuntest, l-attriċi tirrileva li dwar il-kundizzjoni tagħha hi kienet ġiet operata fl-2005, izda ftit tas-snin wara ġiet mgħarrfa illi kien impossibbli li jkollha t-tfal. Għaldaqstant u minkejja li l-attriċi kienet konsapevoli tal-infertilita' tagħha, hija kien ikollha relazzjonijiet intimi mal-konvenut, fejn dan tal-aħħar mingħalih li kienu qegħdin jipprovaw ikollhom it-tfal. Meta l-attriċi ma kienetx qiegħda tinqabad tqila, kienet hi stess li ssuġġeriet lil konvenut sabiex jippruvaw il-proċedura tal-IVF fejn ħaditu fi klinika privata u mhux l-isptar sabiex b'hekk r-*records* mediċi tagħha ma jkunux aċċessibbli u xejn ma jkun jista' jiġi zvelat lil konvenut.

Minkejja s-suespost, l-attriċi tallega ukoll li matul iz-zwieġ tagħhom ġiet a konoxxenza tal-fatt li mhux hi biss kienet ħbiet ċertu kwistjonijiet mill-konvenut, izda l-konvenut ukoll ħeba minnha zewġ kwistjonijiet serji u ċjoe': (i) id-dipendenza tiegħu fuq ix-xorb, u (ii) li hu satanist. Fir-rigward tad-dipendenza tal-konvenut fuq ix-xorb, jingħad illi dan il-vizzju beda minn meta l-konvenut kellu sbatax-il (17) sena meta mietet ommu. Dan il-vizzju poġġa lill-konvenut f'sitwazzjoni fejn ikun vjolenti u aggressiv, fejn ikisser, jwaddab oġġetti u jgħajjar lill-attriċi, u saħansitra tkeċċa minn fuq zewġ postijiet tax-xogħol għaliex kien ikun fis-sakra. Fir-rigward tas-satanizmu, l-attriċi tirrileva li l-konvenut kien ammetta dan magħha wara z-zwieġ, fejn jgħid li daħal f'xi patt sataniku meta

kellu madwar ħmistax-il (15) sena. L-attriċi tirrileva li rat lil konvenut bosta drabi jintilef minn sensih u jitkellem bil-Latin. Jiġi allegat li minħabba dawn l-episodji, l-attriċi marret titkellem ma' zewġ ezorċisti fejn ikkonfermaw li verament jezisti element ta' satanizmu fiċ-ċirkostanzi odjerni. L-attriċi tirrileva ukoll li l-konvenut jisma' l-vuċijiet, ibgħati minn dipressjoni u għandu tendenzi suwiċidjali, tant li darba fost l-oħrajn spiċċaw l-emerġenza fejn il-konvenut ġie mpoġġi taħt *constant watch* għaliex kien ta' periklu għall-oħrajn.

L-attriċi tispiċċa billi tikkonferma illi ma felħitx tgħix iktar f'dan it-torment u għalkemm kienet ilha sseparata *de facto* minn ma' zewġha sa mill-2016, hi telqet mid-dar matrimonjali b'mod definit fi Frar tal-2019. Tirrileva ukoll li fil-prezent tinsab legalment isseparata minn ma' zewġha.

Sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha, l-attriċi pprezentat l-affidavit tal-ħabiba tagħha Amanda Gauci,[4] kif ukoll il-*file* mediku tagħha[5] u *pendrive* li tikkontjeni disa' (9) *videos* tagħha u l-konvenut.[6]

*Il-Verzjoni tal-Konvenut:*

In vista tal-fatt li l-konvenut ma pprezentax ir-risposta ġuramentata tiegħu entro t-terminu stipulat f'Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema terminu beda jiddekorri minn dak il-jum li fih ġie debitament notifikat ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa safa' fi stat ta' kontumaċja. Huwa pacifiku fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-konvenut, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għall-akkuza u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dizubbidjenza ("kontumelja") lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tqis li fih element ta' dizordni soċjali u tħares lejh bħala aġir li jistħoqqlu li jiġi punit bis-sanzjoni li l-kontumaċi ma jkunx jista' jipparteċipa fil-ġbir tal-provi u jikkontesta x-xhieda mressqa mill-attur/attriċi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dr. Aaron Attard Cavallazzi noe vs Asfaltar Limited,** deċiza mill-Prim' Awla, nhar it-23 Lulju 2014. Għaldaqstant

[4] Fol. 15 - 17.
[5] Fol. 21 - 32.
[6] Fol. 20.

minħabba tali stat li jinsab fih il-konvenut, dan tal-aħħar ma ressaq l-ebda prova jew kontestazzjoni għal dak allegat mill-attriċi kif riprodott iktar ‘il fuq.

## IL-PRINĊIPJI LEGALI:

F’dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u ċjoe’ l-Artikoli 19(1)(a), (c), (d), (e) u (f) tal-Att dwar iż-Żwieġ.

***Artikolu 19(1)(a) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta:***

***“B’żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta’ dan l-Att, żwieġ ikun null: (a) Jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża”***

Dwar l-Artikolu 19(1)(a), l-obbligu tal-Qorti huwa li tezamina jekk kienx hemm: (i) pressjoni fuq wieħed mill-partijiet sabiex jiġi ċelebrat dan iz-zwieġ, liema pressjoni tammonta għall-vjolenza, u/jew, (ii) kienx hemm biża’ sa dak il-grad li tesiġi l-liġi u skont dak li ġie stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Marianna Calleja vs. Francis Calleja**, deċiza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 ta’ Ottubru 2002, fir-rigward tal-kwistjoni ta’ pressjoni, ġie mgħallem *“Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet oħra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta għal vjolenza morali jew biża' esterna ta' natura irreżistibbli, ċjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-għoti ta' dak il-kunsens”* u żżid tgħid li *“Sabiex vjolenza morali twassal għal effett li tinvalida ż-żwieġ trid tkun (i) inġusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti… Fl-ewwel lok il-biża' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jeserċitaha jrid ikun kapaċi, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jagħmel; u fit-tielet lok il-biża' trid tkun motiv prinċipali għaliex il-persuna tasal li tiżżewweġ, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid”*.

Allaċjat mal-premess, il-Qorti tevalwa ukoll li fir-rigward tal-kwistjoni ta’ biża’ u vjolenza, il-ġurisprudenza nostrana matul iz-zmien kompliet dejjem telabora it-tgħalim tagħha. Fis-sentenza fl-ismijiet **Shirley Anne mart Abdul Fatah al**

**Buesli xebba Perry vs. Dottor Alfred Mifsud noe**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Novembru 1982, intqal illi *"biex biża' taqa' taħt l-artikolu in kwistjoni, irid ikun ċert, ta' ċerta gravita serja u għandha tiġi distinta minn dak li hu mistħija u frivolezza u kapriċċ ta' min ser jagħti l-kunsens. Barra min hekk irid ikun realistiku"*. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Victoria Spiteri vs Anthony Spiteri magħruf Coleiro**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar l-14 ta' Diċembru 1994, ġie kkonfermat illi: *"Huwa minnu li ġie rikonoxxut li l-biża', jekk verament tissussisti, tista' sservi bħala raġuni biex tinfiċja kunsens. Iżda mhux kull tip ta' biża' tista' twassal sa dan l-estrem"*.

Għaldaqstant, *"Il-biża' trid tkun ċerta, gravi u realistika.... skond il-liġi ċivili tagħna biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens hemm bżonn li din taħkem fuq persuna raġjonevoli u ġġegħlha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira (Artikolu 978 (1) Kodiċi Ċivili)... Fil-valutazzjoni, imbagħad, tal-kriterji tal-vjolenza għandhom jiġu meħuda in konsiderazzjoni l-eta`, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna (Artikolu 978(2));"* (ara s-sentenza **Denise Borg vs. Christopher Borg**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-21 ta' Ottubru 2002).

Fil-kawża **Marica d'Amato vs. Philip d'Amato**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 2003, il-Qorti trattat il-kwistjoni tal-biża' u l-vjolenza u kif dawn għandhom ikunu biex jista' jiġi vizjat il-kunsens matrimonjali: *"Din il-vjolenza trid tiġi valutata minn dak dispost fl-Artikolu 978 tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri jrid jintwera li l-attriċi, qabel iż-żwieġ, kienet assoġġjettata għall-pressjoni gravi u ndebita. Vjolenza għalhekk determinanti, inġusta u gravi. Fiż-żwieġ, imbagħad, a differenza minn kuntratti oħra, l-kwestjoni trid tiġi eżaminata in relazzjoni għal liberta` matrimonjali. Il-vjolenza għalhekk trid tiġi valutata mhux fuq is-sempliċi seduzzjoni ta' l-attriċi iżda fuq l-ipotesi li hi ġiet indotta għaż-żwieġ minħabba raġunijiet ta' pressjoni qawwija u insuperabbli. Ad exemplum, perkossi minn żewġha waqt l-għerusija jew mill-ġenituri jew il-minaċċja li titkeċċa 'l barra. Kwantu għall-element tal-"biża" din trid tiġi oġġettivament analizzata mill-ottika ta' fatturi esterni li jokkorru fuq il-persuna. Il-biża' trid tkun ta' gravita` essenzjali. Mhux biżżejjed għalhekk ansjeta` ġewwinija f'dak li jkun. Fil-fatt l-Artikolu 980 jippreċiża li l-biża' riverenzjali lejn il-ġenituri, axxendenti oħra jew lejn ir-raġel mhux biżżejjed biex jannullaw il-kuntratt, jekk ebda vjolenza ma tkun ġiet użata."*

**<u>Artikolu 19(1)(c) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>**

***"B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null: (c) Jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa"***

Dwar l-Artikolu 19(1)(c) u ċjoe' li l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li tista' mix-xorti tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Pierina Micallef vs. Bentanfous Amor**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Diċembru 2002, fejn ġie dikjarat li *"Kwantu għal "qerq" .... dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-egħmil doluż pero` ma jista' qatt ikun preżunt u għandu jiġi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta`".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Renato Galea vs Sharon Galea nee' Gibson**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Marzu 2003, ġie mgħallem:

*"Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 jincidi direttament fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u ndirettament fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista Jose' Castano:- "Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale ex errore consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta". (Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357). Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. "In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il-quale il consenso non sarebbe mai stato espresso" (op. cit. P. 358). Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet:- i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; ii) li il-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

L-Qrati tagħna dejjem sostnew li ż-żwieġ ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk waħda mill-partijiet tagħti l-kunsens tagħha għax tkun ġiet imqarrqa jew mill-parti l-oħra jew minn xi ħaddieħor dwar xi kwalita\` tal-parti l-oħra.[7] Bi kwalita\` tal-persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta mill-ġenn, jew ivvizzjata bid-droga, bl-alkoħol jew bil-logħob tal-ażżard, li taħbi tali vizzju jew mard mill-konjuġi l-ieħor qabel iż-żwieġ, jew persuna t'orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari.[8]

***<u>Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>***

***"B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null: (d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ"***

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva, liema maturita\` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

---

[7] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Fattah xebba Perry vs Dr A. Mifsud et**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Novembru 1982, kif iċċitata b'approvazzjoni f'**Carmelo sive Charles Mifsud vs Anna Mifsud nee' Ignacakova**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Novembru 2002.

[8] Bħal fil-kaz fl-ismijiet **David Buhagiar vs Roseanne nee Maile**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-24 ta' April 1995.

Mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[9]

Kif jispjega l-awtur Bersini *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."*[10]

L-awtur Pompedda jispjega illi "*se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della parole".*[11]

Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' ġudizzju tikkonsisti f'żewġ elementi distinti iżda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso .... La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato*

[9] Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP).

[10] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP).

[11] Pompedda Mario Francesco, Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento, (Bologna, 1991), pp. 231, 233– kif rappurtat fiddeċiżjoni **Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP).

*consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva.... La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)".*[12]

Illi l-awtur Viladrich jispjega li: *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring".*[13]

**Artikolu 19(1)(e) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta:**
***"B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null: (e) Jekk xi waħda mill-partijiet jkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, iżda biss jekk dik l-impotenza tkun teżisti qabel iż-żwieġ"***

Fir-rigward tal-impotenza, l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Mejju 2003, fejn ingħad:

[12] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni **Angela Spiteri Selvaggi vs. Joseph Spiter**i mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994.
[13] Viladrich, Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni **Lydia Musu` vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et. noe**. mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM).

*"Illi wahda mill-elementi essenzjali fiz-zwieg huwa li jkun hemm relazzjonijiet intimi bejn il-koppja mmirati ghal prokreazzjoni tat-tfal. Jekk jonqos dan l-element, ghalhekk il-ligi taz-zwieg tikkontempla li dan ghandu jwassal ghal annullament taz-zwieg, pero' biss jekk jigu sodisfatti d-diversi kundizzjonijiet specifikati fil-ligi.*

*Illi l-ligi Taljana qabel ma giet emendata kienet tipprovdi fuq dan il-punt is-segwenti:-*

*"Solo in presenza di due personalita' di grandissimo rilievo tale fusione potrebbe essere raggiuna prescindendo dal rapporto sesswale. L'impossibilita' della sua realizazzione importa, di regola, l'insorgere di tensioni, senz'altro contrarie all'ordinato svolgimento della convivenza e che nel migliore dei casi, danno luogo all'esistenza di un matrimonio di mera facciata." (Finocchiaro, Enciclopedia Del Diritto , Vol.XXV, p.814).*

*Illi l-ligi nostrana ppreferiet taddotta l-kuncett ta' mpotenza bhala raguni ghal annullament taz-zwieg skond id-duttrina tradizjonali taz-zwieg, u cjoe' li l-att sesswali huwa wiehed mill-elementi essenzjali fiz-zwieg u dan kuntrarjament ghal kuncett applikat fil-ligi Franciza u l-ligi Taljana li segwew id-duttrina li l-att sesswali mmirat ghal prokreazzjoni tat-tfal mhux element essenzjali, izda huwa wiehed mill-elementi socjali li jgib mieghu z-zwieg.*

*Illi ma tezistix definizzjoni precisa tal-kelma "impotenza", izda l-ligi Kanonika, kif ukoll civilisti maghrufa jiddistingwu bejn "impotenza coeundi" u "impotenza generandi". Dr. Richard Galea Debono fit-tezi tieghu "A Review of the Marriage Act, 1975 and its Implications" jiddefinixxi din id-distinzjoni fis-segwenti mod:-*

*"The former referring to that part of the sexual act which depends on the active participation of the parties and referring to the stages of intromission and insemination; and the latter, which is often referred to as sterility, involving the internal and involuntary (i.e not under the will's control) biological processes which might lead to pregnancy".*

*"The purpose behind this distinction was to limit the purport of impotence to impotentia coeundi and to debar the declaration of nullity of a marriage where the party affected was not impotent, but merely sterile. Thus it is possible for the*

*female spouse to be potent i.e capable of copulation, but sterile owing to lack of ovulation".*

*Illi b'danakollu, l-Att Dwar iz-Zwigijiet ma jiddistingwix bejn impotentia coeundi u impotentia generandi. B'referenza ghal artikolu 19 fl-Att Dwar iz-Zwigijiet qabel ma saru l-emendi fl-1981, kien hemm dispozizzjoni ad hoc li kienet tirregola l-impotentia generandi u cjoe' l-isterilita'. Pero' din id-dispozizzjoni m'ghadhiex tezisti u ghalhekk wiehed jista' jinterpreta l-artikolu 19 (1) (e) fis-sens li tillimita ruhha ghal impotentia coeundi.*

*Illi l-impotenza kif ikkontemplata fl-artikolu 19 (1) (e) trid tkun assoluta jew relattiva. L-impotenza hija assoluta meta l-impotenza tal-parti hija relatata ma' kwalunkwe persuna. Hija relattiva meta l-impotenza tezisti biss fil-konfront ta' parti l-ohra.*

*Illi l-impotenza trid ukoll tezisti qabel iz-zwieg. F'dan il-kuntest gie stabbilit li huwa bizzejjed jekk l-impotenza tezisti mal-ewwel relazzjoni intima bejn il-partijiet. M'huwiex rikjest li jigi ppruvat li l-parti kienet impotenti fir-relazzjonijiet sesswali tieghu qabel iz-zwieg".*

**<u>Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta:</u>**

***"B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null: (f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ"***

Sabiex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament ppruvat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn, għamel jew għamlu simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu, tagħha jew tagħhom. Dan ifisser illi meta *si tratta* l-esklużjoni taż-żwieġ, jew wieħed jew aktar mill-elementi tiegħu, jew tad-dritt għall-att taz-zwieġ, minkejja li parti tkun kapaċi tagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda *a priori* ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, ċjoe', issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda *a priori*

ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u ċjoe' saret simulazzjoni parzjali.[14]

Dan l-insenjament ġie ukoll ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Tonna vs Maria Tonna**,[15] *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)".*

Għaldaqstant, sabiex azzjoni tkun tista' tirnexxi taħt l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed irid iġib prova li z-zwieġ falla minħabba l-fatt li wieħed mill-partijiet minn qabel ma' ta l-kunsens tiegħu huwa kien diġa' mentalment dispost li ma jaqdix wieħed jew kull obbligu matrimonjali. Dan huwa estremament importanti għaliex f'tali ċirkostanza biss jista' jiġi konkluz illi hemm bazi legali għall-estremi tal-annullament. Min-naħa l-oħra, f'kaz li l-provi prodotti jindikaw li z-zwieġ falla minħabba ċirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieġ, hawnhekk il-kwistjoni ma tagħtix lok għal annullament izda għal separazzjoni personali bejn il-partijiet.[16]

*Simulazzjoni Totali (colorem habens, substantiam vero nullam):*

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra sabiex tevalwa l-ewwel parti tas-subinċiz (f) tal-Artikolu in kwistjoni u ċjoe' l-frazi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif magħruf ukoll bħala simulazzjoni totaIi. Sabiex ikun hemm simulazzjoni totali, il-Qorti tgħallem illi jrid ppruvat illi l-*finis operis* taz-zwieġ ġie effettivament eskluż mill-vera rieda ta' parti jew oħra, għalkemm formalment tkun seħħet iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.[17] Magħdud ma' dan, il-Qorti tirriafferma illi simulazzjoni totali tissussisti ukoll meta wieħed mill-partijiet imur għaċ-

[14] **Sharon Lanzon vs. Francis Attard**, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Marzu 2000.

[15] Deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (VDG), 31 ta' Jannar 1996.

[16] **Ali Chahid vs. Mary Spiteri,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-5 ta' Ġunju 2002 (Ċitaz: 1733/01RCP).

[17] **Bonnici vs Bonnici,** deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Lulju 1982, kif rapportata f'**Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova** mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP).

ċerimonja taz-zwieġ u internament jissostitwixxi l-ideat tiegħu fuq dak li jikkostitwixxi zwieġ jew jeskludi l-veru kunċett taz-zwieġ.[18]

Għaldaqstant, fi kliem qasir, simulazzjoni totali tfisser *"meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun ingħata"*,[19] u ċjoe' il-kunsens matrimonjali estern ta' parti ma jkunx ugwali għal dak intern. B'hekk dik il-parti li tkun qiegħda internament u volontarjament tiċħad il-kunsens għal dak iz-zwieġ, min-naħa l-oħra u esternament tkun qiegħda tagħti l-kunsens tagħha hekk ssimulat minnha stess.

*Simulazzjoni Parzjali (colorem habens, substantiam vero alteram):*

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra sabiex tevalwa t-tieni parti tas-subinċiz (f) tal-Artikolu in kwistjoni u ċjoe' l-frazi *"eskluzjoni pozittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja mizzewġa"*. F'dan ir-rigward, simulazzjoni parzjali tfisser li l-parti kkonċernata ma tkunx qiegħda internament u volontarjament tiċħad il-kunsens għal dak iz-zwieġ b'mod intier, izda tkun qiegħda internament u volontarjament tiċħad il-kunsens tagħha għaz-zwieġ billi b'mod volontarju teskludi biss wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali għal ħajja matrimonjali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Dr Anthony Cutajar et**, il-Qorti saħqet illi: *""meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula I-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Il-Qorti tinnota li l-Att dwar iz-Zwieġ (Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta) ma jagħtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, iżda mill-ġurisprudenza kostanti wieħed jista' jiddetermina liema huma dawn l-

[18] C**ali vs. Dr. Albert S. Grech**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Ġunju 1988, kif rapportata f'**Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova**, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP).
[19] **Anna Galea vs John Walsh**, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Marzu 1995 (Ċitazzjoni Numru 723/94VGD).

obbligi. Fis-sentenza fl-ismijiet **Abdel Wahed vs. Dr. Yana C Stafrace et. Noe,**[20] ġie ritenut li l-elementi essenzjali taz-zwieġ jikkonsistu fil-*" kommunjoni tal-hajja konjugali, I-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' I-ulied".* Dan l-insenjament ġie kkonfermat f'numru ta' kazijiet.[21]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Demicoli vs Anne Demicoli**,[22] il-Qorti għallmet: *"Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-benessere reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe`, dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh".* B'hekk il-Qorti dejjem fehmet li l-unjoni intima fl-aspetti kollha, inkluz dik intima, ta' bejn il-konjuġi hija estremament importanti fil-ħajja matrimonjali. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Calleja Noel vs Saliba Rita**,[23] fejn saħqet: *"Illi wahda mill-elementi essenzjali fiz-zwieg huwa li jkun hemm relazzjonijiet intimi bejn il-koppja mmirati ghal prokreazzjoni tat-tfal. Jekk jonqos dan l-element, ghalhekk il-ligi taz-zwieg tikkontempla li dan ghandu jwassal ghal annullament taz-zwieg".*

Għaldaqsant, "*jekk xi waħda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapaċita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iż-żwieġ li jiġi hekk kreat ma jistax ikun wieħed validu....Teżisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss waħda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jiġi stabbilit iż-żwieġ bħal per eżempju, l-esklużjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' lulied, jew l-esklużjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-oħra".*[24]

## APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦAL KAZ ODJERN:

Stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kunċetti tal-pressjoni, vjolenza, biza', qerq, impotenza, difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-

---

[20] Deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (FD) nhar l-14 ta' Lulju 1994.

[21] Ara **Aquilina vs Aquilina**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Jannar 1991, **Grech vs Grech**, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ottubru 1990, **Atkins Charles vs Atkins Matild**e, deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-2 ta' Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP).

[22] Deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar is-7 ta' Ottubru 2003 (Ċitazz: 1512/2000/1).

[23] Deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-30 ta' Ġunju 2005 (Ċitazz: 19/2004RCP).

[24] Atkins **Charles vs Atkins Matilde**, deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-2 ta' Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP).

kunsens, din il-Qorti ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Jiġi sottolinejat illi: *"F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju"*.[25]

In vista tal-premess, il-Qorti tinsab mgħobbija bl-obbligu li tevalwa bir-reqqa l-provi mresqa quddiemha, liema provi għandhom ikunu konkreti, konvinċenti u ma jħallu l-ebda dubju f'min qiegħed jiġġudika li l-anullament in kwistjoni mhux qiegħed jintalab kappriċċozament. Fil-kaz odjern, il-Qorti tibda sabiex tevalwa li l-provi f'din il-kawza huma verament ftit. Ir-rikorrenti pprezentat affidavit tagħha u ta' ħabiba tagħha, flimkien ma *file* mediku u *pendrive* li tikkonsisti f'disa' (9) *videos* tagħha u l-konvenut. Min-naħa l-oħra, il-konvenut ma pprezenta l-ebda provi sabiex jikkontradixxi l-verzjoni attriċi u dan minħabba l-istat ta' kontumaċja li jinsab fih.

Irrizulta minn dawn il-ftit provi li l-istorja ta' dan iz-zwieg bdiet bħala waħda sempliċi u komuni, filwaqt li wara z-zwieġ ħadet zvolta kemmxejn partikolari. Fil-fehma tal-Qorti, il-kwistjonijiet li fuqhom qiegħda tiġi bbazata din l-azzjoni ta' annullament huma: (i) l-pressjoni li ħasset l-attriċi sabiex titlaq mid-dar tal-ġenituri tagħha, (ii) l-infertilita' tal-attriċi li skontha kienet tezisti sa minn qabel iz-zwieġ, (iii) il-vizju tax-xorb tal-konvenut, u (iv) l-fatt li l-konvenut huwa satanist.

L-attriċi tallega li kienet imdejqa ħafna fid-dar tal-ġenituri tagħha għaliex kienu ferm stretti mal-attriċi tant li ddeskreviet l-ħajja mal-ġenituri tagħha bħala *"unbearable"*. Għaldastant tisħaq li kellha ġenn sħiħ sabiex titlaq u filfatt tgħid illi *"kont wasalt f'punt li għidt lili nnifsi li dak iz-zmien kont lesta nitlaq mal-*

[25] **Anna Tonna vs Alexander Tonna**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' Novembru 1991.

*ewwel ragel li nsib, anka ma kennies, basta li nitlaq minn hemm"*. Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tgħid illi meta missierha sar jaf li kienet qiegħda tiffrekwenta lil konvenut, dan kien qalilha li aħjar taqbad u tizzewweġ jekk kien beħsiebha torqod ma' u għand il-konvenut. Skont l-attriċi din l-allegata sitwazzjoni li kellha d-dar tal-ġenituri tagħha kienet tammonta għal vjolenza morali u biza'.

Madanakollu u skont l-insenjament tal-ġurisprudenza nostrana: (i) il-vjolenza morali trid tkun inġusta, gravi, determinanti u realistika fejn il-persuna trid titpoġġa f'periklu ta' ħsara kbira, filwaqt li, (ii) il-biza' trid tkun ta' natura irrezistibbli, gravi u l-persuna li tipperpetra tali biza' trid tkun persuna li kapaċi tasal tagħmel dak li tgħid. Fil-kaz odjern, għajr għall-verzjoni tal-attriċi ma tressqet l-ebda prova oġġettiva li tikkorrabora l-allegazzjoni tagħha. Għalkemm il-Qorti tevalwa li fl-affidavit ta' Amanda Gauci jingħad illi l-attriċi kienet imdejqa tgħix mal-ġenituri tagħha, tali prova ma hijiex bizzejjed stante li l-attriċi saret taf lil Amanda Gauci wara li zzewġet lil konvenut u b'hekk ma tafx kif kienet is-sitwazzjoni tal-attriċi qabel ma zzewġet, proprju meta kienet għadha tgħix taħt is-saqaf tal-ġenituri tagħha.[26]

Magħdud mal-premess il-Qorti tinnota li għalkemm fl-affidavit tagħha l-attriċi titkellem bħallikieku qatt ma telqet mid-dar tal-ġenituri tagħha, hija tammetti li qabel ma zzewġet lil konvenut, l-attriċi kellha relazzjoni oħra fejn flimkien kienu qegħdin jippruvaw ikolhom it-tfal. F'dan iz-zmien l-attriċi kellha madwar tnejn u għoxrin (22) sena. Għalkemm il-Qorti tevalwa li l-attriċi fl-affidavit tagħha b'mod speċifiku tgħid li *"kont qiegħda f'relazzjoni oħra"*, mid-dokumenti mediċi prezentati minnha jidher illi l-attriċi kienet tiġi mnizzla bħala persuna mizzewġa. Għaldaqstant tezisti l-possibilita' li l-attriċi kienet diġa' mizzewġa u tgħix ma' raġel ieħor qabel l-istorja li kellha mal-konvenut. Madanakollu l-attriċi naqset milli tamplifika fuq din ir-relazzjoni billi tagħti iktar dettalji dwar l-istess, għajr għal fatt li ma' dan ir-raġel ieħor l-attriċi kellha relazzjoni intima. Għaldaqstant u abbazi tal-istampa mogħtija mill-attriċi dwar is-sitwazzjoni ta' sikkatura li kellha fid-dar, il-Qorti għandha tifhem illi f'dak iz-zmien meta l-attriċi kellha tnejn u għoxrin (22) sena u f'relazzjoni ma' raġel, missier l-attriċi ukoll seta' għamel pressjoni fuqha sabiex tizzewweġ sabiex b'hekk tkun tista' *'torqod miegħu'* u jkollha tfal miegħu - izda l-attriċi tonqos milli tagħti indikazzjoni ta' dan.

[26] Ara l-affidavit ta' Amanda Gauci a fol. 15, *"Iltqajna fuq il-post tax-xogħol. (...) Niftakar li Maali kienet ilha mizzewġa xahrejn biss meta bdejna naħdmu flimkien u sirna ħbieb"*.

Il-Qorti ma tinsabx moralment konvinta illi l-fatti u l-provi prezentati jissodisfaw ir-rekwiziti elenkati fl-Artikolu 19 subinċiz (1)(a). Ma hemm l-ebda prova dwar l-allegata vjolenza morali u l-biza' li soffriet minnhom l-attriċi tant li l-kunsens tagħha taz-zwieġ għandu jiġi annullat abbazi ta' dan l-artikolu tal-liġi. Kieku verament kienet tezisti vjolenza morali u biza' realistika sforz is-sikkatura liema bħalha ġewwa d-dar tal-ġenituri, il-Qorti hija tal-umli fehma li l-attriċi kellha *in primis* tipprova li esperjenzat tali vjolenza u biza' b'mod konsistenti kull meta kellha relazzjoni ma' persuna tas-sess maskili, inkluz meta kellha relazzjoni ma' raġel ieħor fl-2008 meta kienet għadha ferm izgħar u kellha biss tnejn u għoxrin (22) sena. Il-Qorti temmen li s-sikkatura tal-ġenituri ma hijiex kwistjoni li f'mumenti tezisti u f'mumenti oħra le. L-attriċi ma semmiet xejn, wisq anqas resqet prova, dwar kif is-sitwazzjoni fid-dar tal-ġenituri tagħha affettwat ir-relazzjoni li kellha fl-2008 bi vjolenza morali u biza' realistika bħalma allegatament affetwat r-relazzjoni tagħha mal-konvenut. Dan seta' jiġi faċilment ippruvat permezz ta' numru ta' xhieda, inkluz ħbieb u familjari, b'mod partikolari permezz tax-xhieda tal-omm li magħha jidher li l-attriċi għandha relazzjoni tajba.[27] Magħdud ma' dan, il-Qorti tinsab tal-fehma ukoll li fi kwalunkwe kaz, jekk l-attriċi ħassitha mbezza' u ppressata mill-ġenituri tagħha, hija setgħat dejjem titlaq mid-dar u tmur tgħix għal rasha ġialadarba l-attriċi kellha disgħa u għoxrin (29) sena b'impjieg stabbli bħala infermiera.

Fir-rigward tal-fatt li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq da parti t-tnejn li huma skont Artikolu 19 subinċiz (1)(ċ), jidher li l-allegat qerq vvantat jitratta l-kwistjoni tal-infertilita', tax-xorb u s-satanizmu. L-attriċi tammetti li kienet hi stess li ħbiet l-infertilita' tagħha mill-konvenut għaliex kieku qaltlu l-verita' dan ma kienx jizzewiġha u b'hekk hi kienet tkun kostretta li tibqa' tgħix taħt is-saqaf tal-ġenituri tagħha. Madanakollu tkompli billi tallega li min-naħa l-oħra l-konvenut ukoll ħeba minnha zewġ kwistjonijiet importanti ferm u ċjoe' l-vizzju tax-xorb li beda mill-eta' ta' sbatax-il (17) sena u li huwa satanist fejn ta' ħmistax-il (15) sena kien għamel patt max-xitan.

Il-Qorti tevalwa l-provi u tibda sabiex tinnota li ma hemm l-ebda prova fuq il-vizzju tax-xorb tal-konvenut. Għalkemm f'wieħed mill-*videos* ipprezentati mill-attriċi, il-konvenut jidher qiegħed jixrob xi tip ta' alkoħol, dan bl-ebda mod ma jikkonstata l-allegazzjoni tal-attriċi. Ma tresqet l-ebda prova illi l-konvenut kien jibda jixrob xi drabi mis-sitta (6) ta' filgħodu, li kien aggressiv fil-konfront tal-

[27] Ara l-affidavit tal-attriċi a fol. 12, *"spiċċajt nqatta' ġimgħa għand d-dar u ġimgħa għand ommi. (...) Meta kellimt lil ommi fuq din il-ħaga (fuq is-satanizmu), kienet qaltli biex nitlob għalih".*

attriċi, li jixrob flixkun *whiskey* sħiħ, jew li tkeċċa minn zewġ postijiet tax-xogħol minħabba l-problema tax-xorb. Għaldaqstant l-Qorti qiegħda tinjora tali allegazzjoni peress li ma ġietx ippruvata.

Fir-rigward tas-satanizmu, l-Qorti rat u semgħat il-*videos* ipprezentati mill-attriċi fejn joħroġ ċar li l-aġir tal-konvenut fil-maġġor parti tal-*videos* huwa, f'għajnejn il-Qorti, anormali u partikolari. Din il-Qorti tfakkar li hi m'hijiex ezorċista, jew psikologa, jew psikoterapista, u għaldaqstant ma tistgħax tasal għal konkluzjoni illi l-konvenut huwa verament satanist u dan minkejja l-aġir partikolari tiegħu fil-*videos* ipprezentati. Għaldaqstant, kien jispetta lill-attriċi li tressaq bħala xhieda lill-ezorċisti li kelmet dwar dawn l-episodji tal-konvenut, għaliex hekk biss seta' jiġi kkonfermat dak li qiegħda tallega l-attriċi. Madanakollu u minkejja n-nuqqas tax-xhieda tal-ezorċisti, il-Qorti ma tistgħax tinjora *video* partikolari pprezentat mill-attriċi fejn il-konvenut jagħti s-sensazzjoni li f'mument partikolari ma kienx konxju ta' dak li kien qiegħed jgħid u tad-daħk tiegħu, fejn ftit tal-ħin wara l-konvenut bħal donnu jiġi f'sensih tant li anke t-ton tiegħu tinbidel. F'dan il-waqt il-konvenut jinstema' jammetti illi għamel patt sataniku meta kellu ħmistax-il (15) sena, li ma jistgħax ineħħih u li m'għandux kontroll fuq is-sitwazzjoni. Meta mistoqsi mill-attriċi għaliex ma qalilhiex b'dan kollu, l-konvenut jirrispondi *"ħsibt li telaq kollox"*.[28] Dan jikkonferma li f'eta' tenera, il-konvenut espona lilu nnifsu għas-satanizmu, izda f'ebda waqt ma jispjega x'kien jinvolvi dan il-patt, il-frekwenza u l-modalita' tal-parteċipazzjoni tiegħu fis-satanizmu. Nonostante dan, il-Qorti tinsab konvinta li l-konvenut kellu obbligu li jgħid lill-attriċi b'dan il-hekk imsejjaħ patt u jelabora dwar it-tendenzi sataniċi tiegħu, li setgħu jaqilbu il-ħajja mizzewġa tagħhom ta' taħt fuq. Naturalment, kien ikun idoneju kieku l-attriċi resqet l-ezorċisti sabiex jispjegaw iktar dwar dan, izda bil-prova li għandha quddiemha l-Qorti, hija tinsab moralment konvinta li qabel iz-zwieġ ta' bejn il-partijiet, il-konvenut kellu tendenzi sataniċi, liema ġew moħbija b'għemil qarrieqi mill-attriċi. Għaldaqstant ir-rekwiziti elenkati f'Artikolu 19 subinċiz (1)(ċ) ġew sodisfatti.

Min-naħa l-oħra u rigward il-kwistjoni tal-infertilita' tal-attriċi, din il-Qorti tieħu konjizzjoni tal-ammissjoni tal-attriċi u tevalwa l-*file* mediku tal-attriċi li jikkonsisti f'numru ta' dokumenti li skont l-attriċi għandhom jikkorraboraw l-ammissjoni tagħha. Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta l-Qorti jkollha quddiemha ammissjoni, skont il-proċedura nostrana *"l-ammissjoni hija regina*

[28] Ara l-*video* enumerat 20160218_212956.

*probationum u bizzejjed biex il-kaz jingħalaq".*[29] Madanakollu f'azzjonijiet ta' annullament u meta l-ammissjoni ssir mill-parti li tkun bdiet l-azzjoni, l-Qorti temmen li m'għandhiex biss tieħu konjizzjoni tal-ammissjoni u tgħaddi sabiex tiddeċiedi. Kif ingħad iktar 'il fuq, azzjonijiet ta' annullament ma humiex ugwali għal dawk l-azzjonijiet bħal ta' xi kreditu likwidu jew kollizjoni, izda huma azzjonijiet iktar sensittivi u b'hekk il-piz tal-prova huwa kruċjali. Bid-dovut rispett, il-Qorti tifhem illi l-attriċi għandha x-xewqa li tottjeni l-annullament u b'hekk l-ammissjoni tagħha stess fil-verita' tiswa' inqas minn ammissjoni tal-kontroparti. Għaldaqstant u fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti jidrilha li jkun idoneju li tagħti iktar piz probatorju lill-provi mresqa mill-attriċi.

Minn dan l-aspett, l-Qorti ma tistgħax ma tikkumentax li l-*file* mediku ġie ammess quddiemha mingħajr ebda spjegazzjoni jew konfermi ta' professjonist mediku. Għalkemm *a prima facie* jidher li t-terminu *"1° infertility"* hija komuni fil-*file* in kwistjoni, il-Qorti ma tistgħax tiddeduċi b'mod konklussiv u mingħar l-assistenza ta' opinjoni medika jekk dan ifissirx li huwa impossibbli għall-attriċi li jkollha t-tfal. Għalkemm il-*file* mediku ġie riprodott mill-attriċi nnifisha, din il-Qorti m'għandha l-ebda ċertezza dwar jekk il-*file* ġiex ezebit fl-interita' tiegħu u *di piu'* l-Qorti tfakkar li m'hijiex midħla tal-professjoni medika u b'hekk ma tistgħax tieħu deċizjoni abbazi ta' numru ta' dokumenti li jinkludu bosta abrevjazzjonijiet. Minkejja l-ammissjoni tal-attriċi stess u għalkemm il-Qorti ma temminx li l-attriċi għandha tivvinta kwistjoni bħal din, min-naħa l-oħra l-Qorti temmen li f'ġieħ it-trasparenza legali, kien ikun ferm idoneju fiċ-ċirkostanzi li kieku ġie prodott il-konsulent mediku tal-attriċi sabiex jispjega u jikkonferma l-allegazzjoni tal-attriċi. Magħdud ma' dan, l-attriċi setgħet tikkorrabora ukoll il-verzjoni tagħha billi kieku resqet rapprezentanti tal-klinika privata li tagħmel il-proċeduri tal-IVF, f'liema klinika attendew hi u l-konvenut.

In vista tal-premess u minkejja l-ammissjoni tal-attriċi, l-Qorti hija tal-fehma illi ma hemmx bazi fir-rigward tal-allegata infertilita' li dan iz-zwieġ jiġi annullat abbazi tal-Artikolu 19 (1)(ċ) u kif ukoll l-artikolu 19(1)(e). Fin-nuqqas ta' provi konklussivi f'dan ir-rigward, il-Qorti ma tarax li kien hemm qerq da parti l-attriċi, u wisq anqas bazi legali sabiex iz-zwieġ jiġi annullat ai termini tas-subinċiz (1)(e) tal-artikolu 19, li jitratta l-isterilita' u mhux l-infertilita'. Mill-provi ma jirrizultax li l-partijiet kellhom problema sabiex ikollhom rapporti sesswali flimkien u

[29] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Sephora Mifsud vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali**, deċiza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deċiza nhar il-25 ta' Frar 2015, fejn issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bonnici nomine vs Ronald Farrugia et**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Ottubru 1970.

b'hekk il-Qorti għandha tifhem li l-partijiet kienu sodisfatti minn dan l-aspett u ma kien hemm xejn nieqes. Għaldaqstant u ġialadarba ma kien hemm xejn li jxekkel l-att sesswali nnifsu, ma jistgħax jingħad li fil-kaz odjen kien hemm impotenza u b'hekk minn dan l-aspett, iz-zwieġ ma jistgħax jiġi meqjus bħala invalidu.

Fir-rigward tal-kawżali tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju u s-simulazzjoni tal-kunsens, hemm differenza fina bejn waħda u l-oħra li mhux dejjem tkun faċli li tiddeċifraha. Filwaqt illi tal-ewwel tfisser li wieħed mill-konjuġi, jew ossija t-tnejn, ma fehemx x'inhuwa mistenni minnu fir-rigward t'obbligi matrimonjali, fit-tieni, l-konjuġi, jew wieħed minnhom, minkejja li konxji tal-obbligi rispettivi tagħhom fiż-żwieġ, jagħżlu li jeskludu xi wieħed mill-obbligi. Għalkemm il-liġi ma tiddefinixxiex x'inhuma l-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewga eppure hu komunament paċifiku, illi l-iprem element fiż-żwieġ huwa d-dritt tal-miżżewġin għall-komunjoni tal-ħajja bejniethom (*'communio vitae'*).

Mill-assjem tal-provi l-Qorti tinsab konvinta li fil-kaz odjern ma ġiex ippruvat illi kien hemm nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju tal-kunsens u lanqas simulazzjoni tal-kunsens. Jidher ċar li l-partijiet kienu maturi bizzejjed u ben konsapevoli dwar l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li kellhom jerfgħu hekk kif jidħlu f'din l-unjoni ta' bejniethom. Il-Qorti tinsab moralment konvinta li kemm l-attriċi u kif ukoll il-konvenut kienu jafu x'kien dovut minnhom bħala koppja, filfatt mill-atti jirrizulta li: (i) l-partijiet riedu jmorru jgħixu flimkien taħt saqaf wieħed, (ii) ma tissemma' l-ebda problema ta' fiduċja u fedelta', (iii) l-intiza tal-partijiet kienet li jgħixu flimkien għal dejjem u b'hekk kien hemm l-iskop li z-zwieġ ta' bejniethom ikun wieħed indissolubbli, (iv) kienu jafu ukoll li kellu jkollhom rapport intimi flimkien. Mill-atti ma jirrizultax li wieħed mill-partijiet, b'att pozittiv tal-volonta' tiegħu, eskluda l-obbligi essenzjali għall-ħajja konjugali. Għaldaqstant din il-Qorti lanqas ma tista' tilqa' it-talbiet kif dedotti abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Att taz-Zwieġ.

**DEĊIDE:**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi, b'dan illi:

1. Tilqa' it-talba attriċi u tiddikjara u tikkonferma illi ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet l-1 ta' Settembru 2015, huwa null u bla ebda effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(ċ) tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra din id-deċizjoni fl-Att taz-Zwieġ relattiv tal-kontendenti.

Bl-ispejjeż għandhom ikunu sapportati nofs mill-attriċi stante n-nuqqas ta' provi mressqa minnha li permezz tagħhom *se mai* l-Qorti setgħat tkun f'pozizzjoni aħjar li tevalwa jekk l-attriċi kellhiex tinsab ukoll ħatja għal dan l-annullament, u nofs l-ieħor mill-konvenut stante l-qerq da parti tiegħu.